# Ġieħ Postali lil Kittieba u Studjużi Maltin

*Emmanwel F. Attard*




"Huwa dmir ta' kull poplu li għandu fih ruħ kulturali li jżomm dejjem ħajja t-tifkira tannies kbar taż-żmien l-imgħoddi li b'moħħhom u b'qalbhom, b'rieda qawwija u b'qalb imkebbsa ħadmu biex kisbulu l-jedd li jingħadd mal-popli magħqudin flimkien bl-irbit tal-għerf u ta' l-arti."
Prof. P.P. Saydon

ILI kollezzjonist tal-bolli sa minn meta kont għadni tifel fuq il-bank ta' l-iskola – medda ta' 45 sena sħaħ. U nista' ngħid li għadni sal-ġurnata mqaddsa ta' llum nissaħħar bil-filatelija – minn xi wħud imsejħa "il-passatemp tas-slaten u s-sultan tal-passatempi". Kollu minnu, bla ebda dubju, meta nqisu li s-slaten ta' l-Ingilterra (fejn il-bolli postali ġew introdotti għall-ewwel darba fl-1840 minn Sir Rowland Hill: l-ewwel bolla li qatt ħarġet kienet il-famuża *Penny Black* u turi r-Reġina Vittorja), il-mejjet President Amerikan F.D. Roosevelt, u bosta nies oħra kbar, inklużi slaten, kienu u għadhom filatelisti! Daż-żmien, tabilħaqq, slaten ftit li xejn għad fadal, iżda l-filatelija tant qabdet l-egħruq li ma jingħaddux il-kollezzjonisti minn kull rokna tad-dinja. Mhux għaġeb, meta nqisu li l-ġnus kollha bl-imħatra minn joħroġ l-isbaħ bolli!

Għaldaqstant, tistgħu taħsbu, kif ħtaft fil-kelma lill-President tagħna, ir-Rev. Patri J.M. Ghigo, meta webbilni nikteb xi ħaġa dwar il-bolli Maltin li jfakkru lil awturi magħrufa Maltin . . . Huwa suġġett hekk għal qalbi li nista' nikteb ktieb sħiħ li kelli nikteb fuq l-aspetti kollha tal-filatelija Maltija. Irrid, madankollu, li jibqa' rreġistrat il-fatt li meta, fl-1953, jiena u xi oħrajn konna tajna l-ħajja mill-ġdid lill-*Malta Philatelic Association*, kienet il-ħolma tagħna – u rsistejna kemm flaħna – biex, xi darba, lill-bolli ta' pajjiżna, narawhom mhux biss b'iskrizzjonijiet bil-Malti iżda wkoll, aktar importanti, li naraw fuqhom personalitajiet distinti Maltin onorati postalment. Għaddew xi snin u dan il-ħolm tagħna l-filatelisti Maltin – u ta' min hu tassew Malti – bil-pjaċir kollu ngħidu, rajnieh iseħħ fl-aħħar mill-aħħar!

L-ewwel persunaġġ kbir Malti li kellu l-ġieħ jidher fuq bolla ta' pajjiżna kellu jkun il-Prof. Sir Temistokle Zammit (1864 – 1935). Dan kien fl-1964,




okkażjoni tal-Kungress kontra l-Bruċellosi li sar f'Malta (u b'kumbinazzjoni fiċ-ċentinarju ta' twelidu). Fil-bolla msemmija, Zammit jidher flimkien mal-Ġeneral u tabib imsemmi Ingliż, Sir David Bruce – ħames xhur biss qabel ma Malta ħadet l-indipendenza politika tagħha: ċertament awgurju sabiħ għal pajjiżna. Kien jixraqlu ġieh bħal dan għall-isem li għamel, hawn Malta u barra minnha, fl-oqsma mhux tal-mediċina u l-arkeoloġija biss imma wkoll xejn anqas f'dak tal-letteratura Maltija. Kien wieħed mill-pijunieri l-kbar fir-"risorġiment ta' l-Ilsien Malti" – ħa nsejħulu hekk – li kitbietu saħħret u għadha ssaħħar bil-benna tagħha lil kull min jaqraha, 'il fuq minn nofs seklu wara.

Kellhom igħaddu erba' snin oħra biex fl-1968 seħħet ġrajja postali oħra meta, għall-ewwel darba wkoll, il-bolli tagħna bdew joħorġu b'iskrizzjonijiet bi lsienna. Kellu jkun il-ħames sett Natalizju li l-kelma "Milied" ħadet post dik tas-soltu, bl-Ingliż, "Christmas". Il-bolli ta' Temi Zammit u tal-Milied, 1968 jibqgħu mnaqqxa b'ittri tad-deheb fid-damma ta' ġrajjet il-Posta ta' Malta: huma taw bidu għal ġejjieni postali glorjuż u li lura minnu ma mmorru qatt aktar sakemm nibqgħu l-Maltin li aħna . . .

Hija determinazzjoni li tidher (b'xorti tajba), li sejrin inżommuha għax, minn dak iż-żmien 'il hawn, pajjiżna ssokta jonora f'bolli lil dawk fost uliedu li jixirqilhom. Fl-imgħoddi, Malta onorat bi ħruġ ta' bolli lil personalitajiet kbar barranin – kif għamlu artijiet oħra – nies, bħal Dante, Sir Winston Churchill, il-President John F. Kennedy u 'l Mahatma Gandhi – (u għamlet sewwa) imma lil TAGĦNA ma nsejnihomx! Fil-fatt, huma bosta l-personalitajiet kbar Maltin li sa llum – 25 sena wara l-kisba ta' l-indipendenza u 10 snin wara t-tluq ta' l-aħħar qawwiet barranin minn pajjiżna – ħriġnielhom bolli artistiċi: nies minn kull qasam tal-ħajja, ta' l-arti, xjenza, reliġjon, eċċ. M'għandniex xi ngħidu, hawn jeħtiġilna nillimitaw irwieħna għal kittieba u studjużi tal-Malti – il-għan ewlieni ta' din il-kitba. Kienet, allura, ħaġa mill-aktar xierqa li ċ-ċentinarju tat-twelid ta' Dun Karm,* il-Poeta Nazzjonali Malti, jiġi mfakkar bi ħruġ ta' bolla speċjali (ta' żewġ xelini jew 10ċ ta' llum) fl-1971. Din il-bolla ħarġet ma' oħra li tfakkar il-200 sena mit-twelid ukoll ta' l-istudjuż tal-Malti, Għawdxi – saċerdot ieħor – il-Kanonku Ġann Piet Agius Sultana (De Soldanis). B'hekk ma nafx kenitx kumbinazzjoni sabiħa oħra, żewġ persunaġġi








kbar tal-Malti – wieħed Malti u l-ieħor Għawdxi – ingħataw ġieh postali fl-istess żmien mill-awtoritajiet tagħna. Kif kien jixraq!

Malta ġiet iddikjarata Repubblika fl-1974. Is-sena ta' wara, din il-ġrajja, mill-akbar ukoll fl-istorja ta' pajjiżna, tfakkret b'sett bolli għall-okkażjoni. Fuq waħda minnhom, dik tal-25ċ, naraw lil Dr. Anton Buttigieg (1912 – 1983), il-Poeta tan-Natura – Għawdxi prominenti ieħor, dak iż-żmien Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja (flimkien ma' l-ewwel President tar-Repubblika, Sir Anthony Mamo, u mal-Prim Ministru ta' dak iż-żmien, Dom Mintoff). Ta' min isemmi, hawnhekk, illi Dr. Anton Buttiġieġ – membru akkaemiku mill-aktar distinti li qatt kellha l-Akkademja tal-Malti – wara sar it-tieni President tar-Repubblika. Għadna niftakru b'nostalġija l-laqgħat li kien iħobb jagħmel għal kemm-il sena għall-kittieba tal-Malti li baqa' jgħożż sakemm miet.




Ħames snin wara, fl-1980, il-Gvern Malti ħaseb biex fakkar postalment lil żewġ persunaġġi letterarji eminenti oħra tagħna: Mikiel Anton Vassalli (1764 – 1829), u lil poeta ieħor mill-kbar, il-Prof. Rużar Briffa (1906 – 1963), magħrufa biżżejjed. Din is-sena, l-1989,







jaħbat ukoll il-225 anniversarju minn twelid Vassalli u l-160 sena minn mewtu. Huwa b'sodisfazzjon li nosservaw li aħna l-Maltin mid-dehra bdejna nagħtu kas sewwa ta' dak li wissewna Mons. Saydon u l-Poeta Nazzjonali – għax twaqqfu monumenti sbieħ lill-istess Dun Karm u lil Vassalli, f'Ħaż-Żebbuġ (raħal twelidhom) u lil Dr. Anton Buttiġieġ ġewwa l-Ħamrun (fejn, tista' tgħid, qatta' ħajtu).

Kienet daqsxejn ta' sorpriża – ħa nsejħilha hekk – il-ħarġa ta' żewġ bolli fl-1985 f'ġieh żewġ Maltin kbar fl-okkażjoni taċ-ċentinarji ta' mewthom. Qiegħed nirriferi għall-patrijott kbir Malti Ġorġ Mitrovich (1794 – 1885) – li nqeda bil-pinna tiegħu mhux għal għanijiet letterarji iżda forsi xi ħaġa aqwa, jiġifieri il-ksib tal-jeddijiet kostituzzjonali għal pajjiżna; l-ieħor,

persunaġġ ferm interessanti – Pietru Caxaru (*ca.* 1438 – 1485). Għalkemm illum midħla sew ta' l-istudjużi tal-Malti, b'xorti ħażina, Pietru Caxaru huwa ftit li xejn magħruf mill-poplu tagħna. Tassew għajb, meta nqisu li l-"Cantilena" medjevali tiegħu (għanja romantika ta' 20 vers), hija l-eqdem biċċa xogħol letterarja Maltija – ta' interess storiku daqskemm letterarju mill-akbar għall-istudju lingwistiku ta' lsienna. Kif intqal tajjeb fil-bulletin uffiċjali maħruġ mill-Burò Filateliku (nr. 74, ta' Awissu, 1985) il-"Cantilena" tiegħu hija ugwalment ta' interess għall-istudjużi tad-djalettoloġija Għarbija. Biżżejjed jingħad li Caxaru huwa l-ewwel kittieb jew poeta magħruf Malti: sa llum, qablu, ma nafu b'isem ebda kittieb Malti ieħor!



Fl-1986 il-Gvern ħareġ sett bolli f'ġieh erba' filantropi magħrufa Maltin. Wieħed minnhom – li jinteressana hawnhekk – kien Alfons Marija Galea (1861 – 1941). Ma ridtx nonqos li ninkludih f'din il-kitba għax, barra li kien benefattur kbir ta' l-istituti ta' l-orfni ta' pajjiżna, kien ukoll "benefattur" ta' għamla oħra – ħa ngħidu hekk – ta' kotra oħra kbira ta' Maltin: taqsima mdaqqsa ġmielha fi żmienu, dawk jiġifieri li x'aktarx kienu jafu jaqraw bil-Malti biss. Is-Sur Fons (kif kien magħruf dan is-sinjur ta' qalbu f'idejh), bi flusu u bil-pinna ħelwa u istruttiva tiegħu, għen kemm felaħ biex ikattar it-tagħlim fost il-poplu tagħna, li l-massa tiegħu kienet għadha waħda illitterata. Il-150 ktieb jew aktar li ppubblika fis-sensiela *Mogħdija taż-Żmien* (fl-ispirtu tal-Poeta Latin, Orazju, *"Otium cum dignitate"* jibqgħu monument letterarju Malti lill-memorja tiegħu sakemm nibqgħu ngħożżu dan il-wirt tagħna lkoll: Ilsienna!



L-aħħar żewġ kittieba ewlenin tal-Malti onorati postalment fil-bidu tas-sena 1987, huma żewġ reverendi Professuri: Patri Anastasju Cuschieri (1876 – 1962), il-Poeta Karmelitan tal-Madonna, u Mons. Pietru Pawl Saydon (1895 – 1971), l-istudjuż bibliku ta' fama internazzjonali u kittieb tal-Malti. Jidhru kif nafuhom dejjem, donnhom iridu jkellmuk. Kien sett ta' ħames bolli (għax magħhom hemm tliet Maltin magħrufa oħra) mill-isbaħ artistikament – xogħol il-pittur Malti Esprit Barthet.

B'hekk rajna li, fl-aħħar mill-aħħar, sa llum li qegħdin niktbu, (1989) mhux anqas minn għaxar awturi u studjużi mill-ewlenin nett tal-Malti,










ingħataw l-għarfien u l-ġieħ mistħoqq lilhom mill-awtoritajiet postali u governattivi ta' pajjiżna. Hekk imur f'din Malta Maltija u indipendenti: li l-Gvernijiet tagħna – hi x'inhi l-ideoloġija politika tagħhom u l-modi diversi ta' kif jifhmuha li għandha tiġi amministrata din id-daqsxejn ta' gżira tagħna – ġawhra f'nofs baħar antik, ċentru ta' ċiviltà mill-eqdem tad-dinja.

Ta' min jagħmilha ċara: għad fadal oħrajn – kittieba u awturi prominenti Maltin, (barra oħrajn li ddistingwew irwieħhom f'oqsma oħra, naturalment) li jistħoqqilhom ukoll jingħataw onorifiċenzi postali. Ġużè Muscat Azzopardi, Manwel Dimech, Patri Manwel Magri, Ninu Cremona, Patri Ġużeppi Delia, il-Prof. Ġużè Galea (għal żmien twil President ta' l-Akkademja tal-Malti), Karmenu Vassallo (il-lum ilkoll ħallewna) – u oħrajn għandhom u jmisshom jiġu mogħtija ġieħ bħal dan fil-futur. Nittamaw b'qalbna kollha li, xi darba – bla dewmien żejjed! – narawhom ukoll iżejnu bi xbihathom il-mużew filateliku ta' pajjiżna.

Bħalissa qiegħed jiġi f'moħħi l-appell ħerqan li kien għamel sentejn ilu l-President, Patri Ghigo, waqt is-serata li l-Akkademja tal-Malti għamlet f'ġieħ l-ewwel President tagħha, il-Kav. Ġużè Muscat Azzopardi, "Missier il-Letteratura Maltija": biex l-awtoritajiet ifittxu jikkommemorawh postalment. Sentejn ilu għalaq 60 sena mejjet – messu ilu li ġie mfakkar b'dan il-mod! Iżda, tabilħaqq, qatt ma huwa tard wisq . . .

Is-sena d-dieħla l-Akkademja tal-Malti tiċċelebra s-70 anniversarju mindu twaqqfet. Ikun altru xieraq li, tinħareġ bolla li tfakkar din il-għaqda ewlenija tal-Malti, li mill-1920 għamlet tant u tant ġid mhux biss lill-kittieba tagħna iżda wkoll lil Ilsienna u lill-kultura ta' pajjiżna. Dawn l-aħħar snin ġew im-fakkra postalment f'pajjiżna bosta istituzzjonijiet, ikun imiss issa u xieraq li tiġi mfakkra l-Akkademja wkoll. Barra l-għarfien uffiċjali tal-gvernijiet tagħna, bolla bħal din tkun tfisser u turi għarfien ieħor għal kollox mistħoqq: dak Postali Malti! Għaliex le?